MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru. 449/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**LORENZO ATTARD**

**Seduta ta' llum 28 ta' Gunju 2007**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **LORENZO ATTARD** bin Carmelo u Carmen nee Attard, imwieled nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1975 u residenti 30, Triq il-Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 28075G gie mressaq quddiemha w akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Mejju 2004, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-Qortin, limiti tax-Xaghra, Ghawdex, waqt li kien qed

jaghmel uzu minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAA 283:

1. Iddeposita skart f'sit minghajr permess;
2. talli naqas li jimmaniggja skart skond l-ligi;

3. talli abbanduna l-iskart li kellu fl-istess vettura.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkonfiska l-vettura nvoluta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Rat l-okkorrenza esibita u l-affidavit ta' PS 771 Raymond Mifsud.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Ottubru 2006 **xehed Norman Zammit**, inginier mal-Waste Management fejn spjega kif nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004, ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija, l-imputat battal z-zibel li kellu fit-*truck* tieghu f'post pubbliku. Presenti fuq il-post kien hemm Charles Spiteri. Qal li mhux minnu li l-imputat wizen z-zibel qabel ma tefghu mal-art, izda qabad u battal z-zibel kiesah u biered meta ra l-*gates* maghluqa.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2006 **xehed Kevin Sciberras** bhala rappresentant tal-MEPA fejn spjega li l-imputat ghandu bzonn zewg permessi sabiex jigbor u jbattal z-zibel; wiehed mill-Awtorita tal-Ippjanar u iehor minghand d-Dipartimnet tal-Ambjent. Spjega li l-imputat m'ghandu l-ebda permess mahrug f'ismu mill-Awtorita tal-Ippjanar.

Illi nhar t-tletin ta' Masrzu 2006 **xehed PS 1233 John Attard** fejn spjega li huwa kien ircieva rapport li l-imputat kien tefa' z-zibel barra mill-mizbla ta' Qortin. Huwa kien kellem lil imputat fuq dan r-rapport li kellu u l-imputat

ammetta mieghu li verament kien tefa' z-zibel barra l-kancell quddiem il-*watchmen* ghaliex kien wasal tard u ma kien hemm hadd biex jizen z-zibel, pero li mar l-ghada biex jigbru. L-ufficjal stqarr, kif jirrizulta mill-okkorrenza esibita minnu, li hu kellem lil Charles Spiteri li kien presenti ghal dan l-incident u dan ikkonfermalu li verament l-imputat qabad u tefa' z-zibel u telaq. Ikkonferma wkoll ma dan Charles Spiteri u ma Norman Zammit li verament l-ghada kien mar fuq il-post u gabar z-zibel.

Illi nhar s-sitta ta' Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** w ikkonferma li hu fuq il-post dakinhar ma marx w ghalhekk fejn ezattament kien iz-zibel ma setghax jikkonferma.

Waqt s-seduta tas-sitta ta' Gunju 2006, l-prosekuzzjoni esibiet l-affidavat ta' PS 771 Raymond Mifsud. Minn ezami tal-istes jirrizulta li nhar l-ewwel ta' Gunju 2004 huwa kien gie ordnat imur hdejn il-mizbla proprju hdejn l-kancell u jara jekk z-zibel li kien hemm mal-art jigix migbur. Huwa kkonferma li z-zibel tnehha kollu minn certu Joseph Attard.

In kontr'ezami nhar t-tmintax ta' Lulju 2006, **PS 771 Raymond Mifsud ikkonferma** li z-zibel kien barra l-mizbla.

Illi nhar t-tmintax ta' Lulju 2006, **xehed l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju fejn qal li fil-fehma tieghu, l-mizbla tibda minn barra, minn fejn hemm l-mizien u mhux semplicement f'dik l-parti fejn jinhatt z-zieb w ghalhekk hu fehem li seta' jarmi z-ziebel barra l-kancell. Huwa wasal fuq il-post ghal habta tas-sitta w nofs u hamsa w il-post jaghlaq ghal habta tas-sitta w nofs. Meta talab lil min kien hemm biex jiftahlu, dan ma riedtx u li ghalhekk tefa' z-zibel fejn tefghu. Huwa pero baqa jsostni li z-zibel tefghu fil-mizbla.

Illi nhar d-disgha ta' Novembru 2006, l-imputat talab lil Qorti sabiex tinnomina perit sabiex wara li jaghmel access fil-proprjeta in kwistjoni, jindika fuq il-pjanta esbita, fejn gie

mormi l-iskart mertu ta’din il-kawza u dan fil-presenza ta’ Norman Zammit, Charles Spiteri, l-imputat u rappresentant tal-pulizija ezekuttiva.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2007, deher **il-Perit Valerio Schembri** w ippresenta r-relazzjoni tieghu u halef l-kontenut taghha.

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li l-post fejn gie mormi l-iskart metru ta’ din il-kawza, ghalkemm jinsab barra c-*chain link fence* u l-*gate* li jiccirkondaw il-parti tal-mizbla fejn jinhazen l-iskart, jaqa fil-konfini murija fuq d-dokument Z hekk kif mahrug mill-MEPA.

Nhar d-dsatax ta’ April 2007, il-Qorti semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza.

Il-Qorti rat li l-imputat kif minnu ammess, waddab z-zibel barra l-*gate* u mhux fil-post li kien indikat fejn kellu jintremgha l-iskart.

Il-Qorti rat l-artikolu 3 tal-Avviz Legali numru 129/1997 u l-artikoli 7(2) u 26(a) tal-Avviz Legali numru 337/01, u **tiddikjara li ssib lil imputat LORENZO ATTARD hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ elf [1000] lira maltin.**

Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkonfiska l-vettura nvoluta ai termini tal-artikolu 26(a) tal-Avviz Legali numru 337/01, il-Qorti rat li din l-vettura ma gietx esibita fl-atti w ghaldaqstant mhux qed tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.

Il-Qorti tordna, ai termini tal-proviso tal-artikolu 27 tal-Avviz Legali 337/01, r-revoka tal-permess mahrug mill-awtorita kompetenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------